Европейски парламент Parlamento Europeo Evropský parlament Europa-Parlamentet Europäisches Parlament
Euroopa Parlament Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο European Parliament Parlement européen Parlaimint na hEorpa
Europski parlament Parlamento europeo Eiropas Parlaments Europos Parlamentas Európai Parlament
Parlament Ewropew Europees Parlement Parlament Europejski Parlamento Europeu Parlamentul European
Európsky parlament Evropski parlament Euroopan parlamentti Europaparlamentet

# IL-LIBERTÁ TAL-ISTABBILIMENT U L-LIBERTÀ LI JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI

Il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi jiggarantixxu l-mobilità tan-negozji u tal-professjonisti fl-UE. L-aspettattivi rigward id-Direttiva dwar is-Servizzi adottata fl-2006 huma għoljin, peress li hija ta' importanza kruċjali għat-tlestija tas-suq intern. Riċerka reċenti tindika li l-valur tal-benefiċċji ġġenerati mil-leġiżlazzjoni li l-Parlament adotta fil-qasam tal-moviment ħieles tas-servizzi, inklużi l-kwalifiki professjonali u l-bejgħ bl-imnut, jammonta għal EUR 236 biljun fis-sena. Dawn il-benefiċċji se jiżdiedu wara l-2019 għal EUR 284 biljun fis-sena.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 26 (is-suq intern), 49 sa 55 (l-istabbiliment) u 56 sa 62 (is-servizzi) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI

Persuni li jaħdmu għal rashom u professjonisti jew persuni ġuridiċi, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 54 tat-TFUE, li jkunu qegħdin joperaw b'mod legali fi Stat Membru wieħed, jistgħu: (i) jwettqu attività ekonomika b'mod stabbli u kontinwu fi Stat Membru ieħor (il-libertà tal-istabbiliment: l-Artikolu 49 tat-TFUE); jew (ii) joffru u jipprovdu s-servizzi tagħhom fi Stati Membri oħra fuq bażi temporanja filwaqt li jibqgħu joqogħdu fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom (il-libertà li jiġu pprovduti servizzi: l-Artikolu 56 tat-TFUE). Dan jimplika t-tneħħija tad-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità u, jekk dawn il-libertajiet jintużaw b'mod effettiv, l-adozzjoni ta' miżuri sabiex ikun iffaċilitat l-eżerċitar tagħhom, inkluża l-armonizzazzjoni tar-regoli nazzjonali ta' aċċess jew għar-rikonoxximent reċiproku tagħhom (2.1.6).

## IL-KISBIET

**A.** Il-liberalizzazzjoni fit-Trattat

**1.** "Libertajiet fundamentali"

Id-dritt tal-istabbiliment jinkludi d-dritt kemm li wieħed jibda u jeżerċita attivitajiet bħala persuna li taħdem għal rasha, kif ukoll li wieħed iwaqqaf u jmexxi impriżi, għal attività permanenti ta' natura stabbli u kontinwa, skont l-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti mil-liġi tal-Istat Membru tal-istabbiliment għaċ-ċittadini tiegħu stess.

Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tapplika għal dawk is-servizzi kollha normalment mogħtija bi ħlas, sakemm ma jkunux regolati minn dispożizzjonijiet dwar il-moviment

liberu tal-prodotti, il-kapital u l-persuni. Persuna li tagħti "servizz" tista', sabiex tagħmel hekk, teżerċita l-attività tagħha temporanjament fl-Istat fejn ikun qiegħed jingħata s-servizz, bl-istess kundizzjonijiet li huma imposti minn dak l-Istat fuq iċ-ċittadini tiegħu stess.

**2.** L-eċċezzjonijiet

It-TFUE jeskludi attivitajiet marbutin mal-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali mil-libertà tal-istabbiliment u mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi (l-Artikolu 51 tat-TFUE). Madankollu, din l-esklużjoni hija limitata minn interpretazzjoni restrittiva: l-esklużjonijiet jistgħu jkopru biss dawk l-attivitajiet u l-funzjonijiet speċifiċi li jimplikaw l-eżerċitar tal-awtorità. Barra minn hekk, professjoni sħiħa tista' tiġi eskluża f'każ biss li l-attività kollha tkun dedikata għall-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali, jew il-parti li tkun dedikata għall-eżerċitar tal-awtorità pubblika tkun inseparabbli mill-bqija. L-eċċezzjonijiet jagħmluha possibbli li l-Istati Membri jeskludu l-produzzjoni jew il-kummerċ ta' materjal tal-gwerra (l-Artikolu 346(1)(b) tat-TFUE) u jżommu r-regoli għal dawk li mhumiex ċittadini fir-rigward ta' ordni pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika (l-Artikolu 52(1)).

**B.** Direttiva dwar is-Servizzi – lejn it-tlestija tas-suq intern

Id-Direttiva dwar is-Servizzi (id-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern) ssaħħaħ il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fl-UE. L-iskadenza għall-implimentazzjoni kienet it-28 ta' Diċembru 2009. Din id-direttiva hija kruċjali għat-tlestija tas-suq intern peress li għandha potenzjal qawwi li twassal benefiċċji għall-konsumaturi u l-SMEs. L-għan hu li jinħoloq suq uniku miftuħ fi ħdan l-UE għas-servizzi waqt li fl-istess ħin tkun żgurata l-kwalità tas-servizzi pprovduti lill-konsumaturi. L-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar is-Servizzi tista' żżid in-negozju fis-servizzi kummerċjali b'45 % u l-investiment barrani dirett b'25 %, u twassal għal żieda ta' bejn 0,5 % u 1,5 % fil-PDG[1]. Din id-Direttiva tikkontribwixxi għal simplifikazzjoni amministrattiva u regolatorja kif ukoll għall-immodernizzar. Dan jintlaħaq mhux biss permezz tal-iskrinjar tal-leġiżlazzjoni eżistenti, u l-adozzjoni u l-emenda tal-leġiżlazzjoni rilevanti, iżda wkoll permezz ta' proġetti fit-tul (it-twaqqif tal-Punti ta' Kuntatt Waħdieni u l-iżgurar tal-kooperazzjoni amministrattiva). L-implimentazzjoni tad-direttiva ddewmet b'mod sinifikanti f'numru ta' Stati Membri meta mqabbel mal-iskadenza oriġinali. L-implimentazzjoni b'suċċess tagħha titlob impenn politiku sostnut u appoġġ mifrux fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament kien strumentali fil-liberalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' dawk li jaħdmu għal rashom. Hu żgura delimitazzjoni stretta tal-attivitajiet li jistgħu jkunu riservati għal ċittadini (pereżempju dawk relatati mal-eżerċitar tal-awtorità pubblika). Ta' min wieħed isemmi wkoll il-kawża li l-Parlament ressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra l-Kunsill minħabba li naqas milli jieħu azzjoni b'rabta mal-politika tat-trasport. Dik il-Kawża, li tressqet quddiem il-Qorti f'Jannar 1983, wasslet għal sentenza tal-Qorti (Kawża Nru 13/83 tat-22 ta' Mejju 1985) li tikkundanna lill-Kunsill minħabba li naqas milli jiżgura l-libertà li jiġu pprovduti servizzi internazzjonali tat-trasport jew milli jistabbilixxi kundizzjonijiet li jippermettu lit-trasportaturi mhux residenti joperaw servizzi tat-trasport

[1]Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ewropa 2020"

fi Stat Membru. Dan kien ksur tat-Trattat. Għaldaqstant, il-Kunsill kien obbligat li jadotta l-leġiżlazzjoni neċessarja. Ir-rwol tal-Parlament kiber bl-applikazzjoni tal-proċedura ta' kodeċiżjoni kif prevista fit-Trattat ta' Maastricht u, attwalment, bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja għall-biċċa l-kbira tal-aspetti relatati mal-libertà tal-istabbiliment u mal-libertà tal-provvediment tas-servizzi.

Barra minn hekk il-Parlament kellu rwol kruċjali fl-adozzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi u qed isegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tagħha. Qiegħed ukoll ipoġġi pressjoni fuq l-Istati Membri biex jirrispettaw l-obbligi tagħhom li jinsabu fid-Direttiva u jiżguraw l-implimentazzjoni adegwata tagħha. Fil-15 ta' Frar 2011, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi[2], u fil-25 ta' Ottubru 2011 riżoluzzjoni dwar il-Proċess ta' Evalwazzjoni Reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi[3]. Wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ġunju 2012 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, il-Kumitat tal-Parlament għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) ħejja rapport dwar "Is-Suq Intern għas-Servizzi: Is-sitwazzjoni attwali u l-passi li jmiss", li ġie adottat fil-plenarja fil-11 ta' Settembru 2013[4].

Fis-7 ta' Frar 2013, il-Parlament adotta wkoll riżoluzzjoni bir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-governaza tas-Suq Uniku[5], fejn enfasizza l-importanza tas-settur tas-servizzi bħala qasam ewlieni għat-tkabbir, il-karattru fundamentali tal-libertà għall-provvediment tas-servizzi, u l-benefiċċji tal-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

Il-Parlament ħadem, bħala kwistjoni ta' prijorità, fuq proposti leġiżlattivi li jikkonċernaw is-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, bħal regolament dwar identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ir-Regolament (UE) Nru 910/2014) u regolament li jistabbilixxi miżuri li jikkonċernaw is-suq uniku Ewropew għall-komunikazzjoni elettronika u biex jinkiseb "Kontinent Konness" (COM(2013)0627). Fil-fatt, il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2013) 0627) wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 2015/2120 tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ (li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi). Dan wassal ukoll għar-Regolament (UE) Nru 531/2012 tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni. Il-Parlament huwa mħasseb dwar servizzi finanzjarji fil-qasam ta' aċċess għal servizzi ta' ħlas bażiċi[6] u dwar il-kreditu tal-konsumatur u dwar il-kreditu ipotekarju (id-Direttiva 2014/17/UE), kif ukoll dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel) u arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti[7]. Id-Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju (2014/17/UE) żżid il-protezzjoni tal-konsumatur billi tinforza r-rekwiżiti regolatorji minimi li l-Istati Membri huma meħtieġa li jissodisfaw sabiex jipproteġu lill-individwi bi ftehimiet ta' kreditu fuq proprjetà residenzjali u billi tiżgura li l-konsumaturi huma infurmati u finanzjarjament kapaċi jħallsu s-self ipotekarju tagħhom. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar Swieq Finanzjarji Regolati Aħjar u Trasparenti (2014/65/UE)

[2]Id-Direttiva 2006/123/KE
[3]ĠU C 131E, 8.5.2013, p. 46
[4]ĠU C 93, 9.3.2016, p. 84
[5]ĠU C 24, 22.1.2016, p. 75
[6]ĠU C 349E , 29.11.2013, p. 74
[7]ĠU C 378, 9.11.2017, p. 610

għandha l-għan li tiżgura r-regolamentazzjoni u t-trasparenza tas-swieq finanzjarji fl-UE kollha. Il-Parlament kien involut wkoll f'leġiżlazzjoni dwar servizzi innovattivi bħall-eCall ta' emerġenza mmuntata fil-vettura għas-salvataġġ tal-ħajja[8], u fil-verifika tal-implimentazzjoni tad-Direttiva Servizz Universali u n-numru ta' emerġenza 112[9]. Fit-28 ta' April 2015, il-Parlament ivvota biex it-teknoloġija eCall issir obbligatorja fil-vetturi ġodda kollha wara April 2018.

Riċerka reċenti tindika li l-valur tal-benefiċċji ġġenerati mil-leġiżlazzjoni li l-Parlament adotta fil-qasam tal-moviment ħieles tas-servizzi, inklużi l-kwalifiki professjonali u l-bejgħ bl-imnut, jammonta għal EUR 236 biljun fis-sena. Dawn il-benefiċċji se jiżdiedu wara l-2019 għal EUR 284 biljun fis-sena fiż-żona koperta mid-Direttiva dwar is-Servizzi, EUR 80 biljun fis-sena fil-qasam tas-servizzi professjonali u EUR 20 biljun fis-sena fil-qasam tas-servizzi relatati mal-akkwist pubbliku[10].

Għal informazzjoni aktar dettaljata jekk jogħġbok ikkonsulta l-istudju mħejji għall-Kumitat IMCO dwar "EU Mapping:Overview of IMCO related legislation" ("Immappjar tal-UE: Ħarsa ġenerali tal-leġiżlazzjoni relatata mal-Kumitat IMCO").

Mariusz Maciejewski / Christina Ratcliff / Andreea Dobrita
04/2019

[8]ĠU C 285, 29.8.2017, p. 568
[9]ĠU C 33E, 5.2.2013, p. 1
[10]Studju dwar Kontribut għat-tkabbir: L-Istrateġija tas-Suq Intern għal Oġġetti u Servizzi. Il-kisba ta' benefiċċji ekonomiċi għaċ-ċittadini u n-negozji (2019) mħejjija mid-Dipartiment Tematiku A fuq talba tal-Kumitat IMCO.